# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 10**

**Avviz numru 1666/00/SM**

**Carmel sive Charles Sciberras f'ismu proprju u ghan-nom ta' ohtu assenti Maria Antonia mart David Knight, Peter Paull Sciberras, Conrad Bord Manche' u Philip Borg Manche' ghan-nom u in rapprezentanza ta' uliedu minuri David u Francesca Borg Manche'.**

**vs**

**Yousef u Romina mizzewgin Rhouri.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Dicembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi proprio et nomine sejhu lill-**

**konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Illi f'terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jizgumbraw mill-fond "St. Rita", 12 St. Edward Street, Birzebbuga, komproprjeta' tal-atturi, mikri lilhom bil-kera ta' erbghin Lira Maltin (LM40) fix-xahar u dana talli ilhom aktar minn tlett snin ma jhallsu kera;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Mejju, 2000, kontrihom u gew ingunti ghas-subizzjoni;**

   **(Ghall-fini tal-kompetenza jigi dijarat li l-valur lokatizzju ma jeccediex il-hames mitt Lira Maltin (LM500.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-5 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

1. **Preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza rationae materia ta' din l-Onorabbli Qorti;**

2. **Illi huma kienu krew il-fond mertu tal-kawza odjerna fis-27 ta' Settembru, 1996 minghand Carmen Sciberras versu l-kera ta' LM120 kull tlett xhur. Illi ghalhekk, illum il-gurnata huma jinsabu fi stadju ta' rilokazzjoni u ghaldaqstant din il-kawza qatt ma setghat tigi ntavolata quddiem din il-Qorti izda semmai quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-fond mertu tal-vertenza odjerna huma dak numru 12, St. Edward Street, Birzebbuga li ghadda ghand l-attur propio et nomine bil-wirt u ghadu indiviz;**

2. **Illi jirrizulta li omm l-atturi, kienet kriet il-fond de quo lill-konvenuti bl-ghamara b'kollox minghajr ma nformat lill-atturi;**

3. **Illi nonosante dan jirrizulta li l-konvenuti huma fi stat ta' morozita;**

4. **Illi l-konvenut kien igib ir-raguni li hu kien minghajr xoghol ghalhekk ma setghax ihallas il-kera, ghalkemm kien ihallas ta' xi servizzi bhat-telefon, u d-dawl u l-ilma;**

5. **Illi l-konvenuti ilhom moruzi mill-1997;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalhekk jirrizulta li l-konvenuti llum qed jokkupaw il-fond in dizamina minghajr titolu stante li dan iddekada bil-morozita' taghhom;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici u tordna lill-konvenuti Youssef u Romina Rhouri jizgumbraw il-fond "St. Rita", 12, St. Edward Street, Birzebbuga, fi zmien xahar millum, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**